



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.2.2014
COM(2014) 75 final

2014/0038 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Memri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u r-Repubblika tal-Kroazja, mas-Serbja sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Fit-28 ta' Jannar 2013 u fit-13 ta' Marzu 2013 saru żewġ ċikli ta' negozjati li kienu segwiti minn iktar kjarifiki tekniċi u skambju ta' korrispondenza. Il-Protokoll ġie inizjalat mill-Kummissjoni u l-Gvern tas-Serbja fl-10 ta' Diċembru 2013. It-test tal-abbozz tal-Protokoll huwa meħmuż.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u jikkonkludi l-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Għall-konklużjoni tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (KEEA), il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

Il-proposta meħmuża hija għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-protokoll. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

- jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Memri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(5) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea¹,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u r-Repubblika tal-Kroazja, mar-Repubblika tas-Serbja sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").
- (2) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess billi ġie inizjalat il-Protokoll fl-10 ta' Diċembru 2013.
- (3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (4) Il-konklużjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (5) Il-Protokoll għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja b'effett mid-data tal-firma tiegħu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, skont l-Artikolu 14 tiegħu, mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President